# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 202/2024: **GASANMAMO INSURANCE LIMITED (C3143) V. KAMAL AL DEMAWI MOHAMMED AHMED (KI. 28044A)**

(AMMONT DOVUT – KAPITOLU GHAS-SUBIZZJONI)

## MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK

**17 ta' Frar 2025**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' GasanMamo Insurance Limited (C3143) (hawn imsejjħa "il-kumpanija rikorrenti" jew "ir-rikorrenti") ippreżentat fit-23 ta' Settembru 2024[1] li permezz tiegħu talbet lil Kamal Al Demawi Mohammed Ahmed (hawn imsejjaħ "l-intimat") sabiex jidher fid-data appuntata għas-smiegħ u jgħid 'l għaliex m'għandux jiġi kkundannat mill-Qorti illi:

> 'thallas lis-socjetá rikorrenti is-somma kumplessiva ta' erbatax -il elf tmien mija u seba' Euro u hamsa u tletin centezmu (€14,807.35) in kwantu ghas-somma ta' erbat' elef seba' mija u tnejn u hamsin Euro u tmienja u disghin centezmu [€4,752.98] rapprezentanti danni, spejjez u imghax imhallsa mir-rikorrenti ghan-nom tieghek u dana kif kienet obbligata illi taghmel ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in segwitu ta' Decizjoni moghtija mic-Centru Malti tal-Arbitragg datata 28 ta' Frar 2023 fl-ismijiet **"Paul Deguara vs Kamal Mohammed Ahmed Al demawi u GasanMamo Insurance Limited bhala intervenut fil-kawza ai termini tad-Digriet tal-10 ta' Ottubru 2022 [Arbitragg Numru M6445/2022/RGD]",** in kwantu ghas-somma ta' sitt elef hames mija u tlieta u tletin Euro u tlett centezmi [€6,533.03] rapprezentanti danni, spejjez u imghax imhallsa mir-rikorrenti ghan-nom tieghek u dana kif kienet obbligata illi taghmel ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in segwitu ta' Decizjoni moghtija mic-Centru Malti tal-Arbitragg datat 24 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet **"Citadel Insurnace plc et vs Kamal Al Demawi Mohammed**

[1] Fol 1

> **Ahmed et [Arbitragg Numru M6818/2023/JG]"**u in kwantu ghas-somma ta' tlett elef hames mija u wiehed u ghoxrin Euro u erbgha u tletin centezmu [€3,521.34] rapprezentanti danni, spejjez u imghax imhallsa mir-rikorrenti ghan-nom tieghek u dana kif kienet obbligata illi taghmel ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta u dan in segwitu ta' Decizjoni moghtija mic-Centru Malti tal-Arbitragg datat 31 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet **"Argus Insurance Company (Europe) Limited et vs GasanMamo Insurance Limited et [Arbitragg Numru M6557/2022/LDP]"** liema decizjonijiet kienu jikkoncernaw incident awtomobilistiku illi sehh fil-25 ta' Dicembru 2021 fi Triq l-Gholjiet, Mellieha meta inti Kamal Al Demawi Mohammed Ahmed kont qieghed issuq il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni NOE 207 u li fir-rigward ta' liema vettura is-socjeta' rikorrenti kienet harget polza ta' asskurazzjoni bin-numru X1864 0468035. It-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-polza tal-assikurazzjoni ma gewx osservati da parti tieghek stante illi fid-data tal-incident inti kont qieghed fi stat ta' intossikazzjoni u dan bi ksur tat-termini u l-kundizzjonijiet tal-polza tal-assigurazzjoni.
>
> Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-Ittra Ufficjali datata 30 ta' Mejju 2022 u dawk tal-ittra ufficjali datata 26 ta' Frar 2024 kif ukoll dawk tal-Mandat ta' Sekwestru intavolat kontestwalment u bl-imghaxxijiet legali mill-prezentata tar-Rikors odjern sal-gurnata tal-pagament effettiv kontra l-intimat, li inti minn issa stess ingunt ghas-subizzjoni."

wara li rat li bl-Ordni tagħha tas-26 ta' Settembru 2024[2] maħruġa skond l-Art. 173(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta l-Qorti *inter alia* ordnat lill-intimat sabiex jippreżenta r-risposta tiegħu u jekk ikun il-każ, kontrotalba, fi żmien għoxrin ġurnata min-notifika lilu tar-rikors u tal-Ordni u inoltre appuntat il-kawża għas-smiegħ għat-18 ta' Novembru 2024,

wara li rat li l-intimat ġie notifikat fis-7 ta' Ottubru 2024[3],

wara li rat illi l-intimat baqa' ma' daħħal l-ebda risposta fit-terminu prefiss lilu,

wara li rat li fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025 l-intimat ma deherx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat[4],

wara li rat illi l-intimat għal darb' oħra naqas milli jidher fis-seduta tas-17 ta' Frar 2025[5],

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

## Sentenza

[2] Fol 3-4
[3] Fol 7 wara
[4] Fol 9, 102
[5] Fol 103

1. Din hija azzjoni ta' rivalsa li l-kumpanija rikorrenti fetħet kontra l-assigurat tagħha għas-somma komplessiva ta' € 14,807.35 wara li ġiet sfurzata tħallas għan-nom tiegħu (ai termini tal-Kap.104 tal-Ligijiet ta' Malta ):

    1. is-somma ta' €4,752.98 rappreżentanti danni, spejjeż u imgħax u dan wara l-*lodo arbitrali* tat-28 ta' Frar 2023 fl-ismijiet "***Paul Deguara vs Kamal Mohammed Ahmed Al Demawi et.***",

    2. is-somma ta' €6,533.03 rapprezentanti danni, spejjeż u imgħax u dan wara l-*lodo arbitrali* tal-24 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet "***Citadel Insurnace plc et vs Kamal Al Demawi Mohammed Ahmed et***",

    3. is-somma ta' €3,521.34 rapprezentanti danni, spejjeż u imgħax u dan wara l-*lodo arbitrali* tal-31 ta' Lulju 2024 fl-ismijiet "***Argus Insurance Company (Europe) Limited et vs GasanMamo Insurance Limited et***".

    Tali deċiżjonijiet kienu jirrigwardaw inċident awtomobilistiku illi seħħ fil-25 ta' Diċembru 2021 meta l-intimat kien qiegħed isuq vettura bin-numru ta' reġistrazzjoni NOE 207 li fir-rigward tas-sewqan tagħha kienet fis-seħħ polza ta' asskurazzjoni maħruġa mir-rikorrenti bin-numru X1864 0468035. Skond ir-rikorrenti, t-termini u l-kundizzjonijiet ta' din il-polza ma ġewx osservati mill-intimat peress illi fil-ħin tal-inċident kien qieghed fi stat ta' intossikazzjoni.

    Intalbu ukoll l-ispejjeż ta' żewġ ittri uffiċjali datati 30 ta' Mejju 2022 u 26 ta' Frar 2024 u ta' mandat ta' sekwestru li ġie intavolat kontestwalment mar-rikors promotur.

2. L-intimat, notifikat skond il-liġi, baqa' ma' daħħal l-ebda risposta u ma deher għall-ebda seduta.

3. Fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025 l-intimat ma deherx u ġie ppreżentat mir-rikorrenti bl-awtorizzazzjoni tal-Qorti kapitolu għas-subizzjoni tiegħu[6]. Fil-kapitolu, ir-rikorrenti talbet lill-intimat '*jipprova bil-ġurament li huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma u għar-raġunijiet indikati fir-rikors*'. Il-kawża imbagħad tħalliet għas-subizzjoni tal-intimat għal-lum 17 ta' Frar 2025.

---

[6] Fol 9, 102

4. L-intimat għal darb' oħra naqas milli jidher fis-seduta tal-lum 17 ta' Frar 2025 u dan sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

**Il-liġi u l-każistika kif applikabbli għall-intimat f'din il-kawża**

5. L-Artikolu 171(2) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jitratta t-"*tmexxija fil-Qrati Inferjuri*" jipprovdi testwalment kif ġej:

> **'171 (2). Il-kawża għandha titmexxa sommarjament skont l-artikolu 215.'**

6. L-Artikolu 215 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta imbagħad jipprovdi b'riferenza għall-Qrati Inferjuri illi:

> **'215. Il-qrati msemmijin fl-artikolu 213 għandhom imexxu sommarjament bl-akbar ħeffa li tkun kompatibbli mal-amministrazzjoni tajba tal-ġustizzja, u għandhom iħarsu id-dispożizzjonijiet ta' dan it-Titolu, sa fejn dawn id-dispożizzjonijiet jistgħu joqogħdu mal-mod li bih għandu jitmexxa fil-qrati hawn fuq imsemmija bħal ma jingħad hawn fuq.'**

7. L-Artikolu 702(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiddisponi kif ġej:

> **'702 (1). Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta) u fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) fil-kompetenza tagħha inferjuri, it-talba mill-attur għas-subizzjoni tal-konvenut issir fl-avviż imsemmi fl-artikolu 171.'**

8. L-Artikolu 699 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta però jipprovdi ukoll illi:

> **'699 (1). Fil-qrati kollha ta' kompetenza ċivili, il-kapitoli jsiru bil-miktub. Il-kapitoli għandhom jiġu approvati mill-qorti.**
>
> **(2) Il-kapitoli għandhom jiġu ppreżentati lill-qorti waqt is-smigħ tal-kawża għalbiex jiġu approvati'**

9. L-Artikolu 713 tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jgħid illi:

> **'713. Il-prova bil-mezz tas-subizzjoni tista' f'kull każ issir sew qabel kemm wara li jinġiebu provi oħra, sew fil-qorti tal-ewwel grad kemm fil-qorti fi grad ta' appell.'**

10. It-talba għas-subizzjoni tal-intimat saret mir-rikorrenti kemm fir-rikors promotur u kif ukoll fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025.

11. Issa skond l-Artikolu 702(3)(b) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta *inter alia*, jekk il-parti, msejjħa għas-subizzjoni, ma tidhirx fil-jum mogħti għas-smigħ tal-kawża u l-pretenzjoni miġjuba quddiem il-Qorti tkun ta' aktar minn ħames mija u tnejn u tmenin euro u erbgħa u tletin ċenteżmu (€ 582.34), kif inhu l-każ f'din il-kawża:

> **' 702 (3)(b) ... il-Qorti għandha tħalli l-kawża għal darb'oħra … u l-kapitoli kif ikunu ġew imniżżlin mill-qorti jitqiesu mistqarra kemm-il darba l-parti li tagħha tintalab is-subizzjoni, mingħajr ma tinġieb raġuni tajba għal dak in-nuqqas, terġa' tonqos li tidher fil-jum li għalih il-qorti tkun ħalliet il-kawża kif intqal.'**

12. Kif ingħad iżjed 'l fuq, wara li ġie ppreżentat il-kapitolu għas-subizzjoni tal-intimat fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025, din il-Qorti ħalliet il-kawża għas-seduta tal-lum 17 ta' Frar 2025 sabiex l-intimat iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti.

13. Meta fis-seduta tal-lum 17 ta' Frar 2025 l-intimat naqas għal darb' oħra milli jidher sabiex iwieġeb għad-domanda tar-rikorrenti huwa effettivament ammetta illi huwa debitur tar-rikorrenti fir-rigward tas-sorte u l-ispejjeż għar-raġunijiet indikati fir-rikors.

14. Fil-kawża **<u>Anthony Borg v. Samwel Veneziani</u>** (Qorti tal-Appell Ċivili, 181/97/01JSP deċiża fit-28 ta' April 1998) il-Qorti tal-Appell qalet illi

> "din iċ-ċirkustanza hi ħafna rilevanti għaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont reklamat mill-attur kien dovut lilu għal raġunijiet minnu pretiżi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non-kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut."

15. Kif ingħad mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fis-sentenza **<u>Noel Sultana v. Tony Xerri</u>** (App. Nru. 7/2009/1 PS – 07.07.2010):

> "huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din l-istess prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process."

16. Il-Qorti tal-Appell (Superjuri) qalet ukoll fis-sentenza **<u>James Trapani v. Vincent Cilia</u>** (28.04.2000) illi:

> "ghalkemm il-kapitoli jitqiesu konfessati pero dan ma jfisserx li l-Qorti kienet obbligata toqghod fuq il-prezunta ammissjoni. Dik il-prova kellha tigi evalwata u meqjusa flimkien ma' kull prova ohra li sa dak l-istadju setghet kienet diga prodotta quddiem il-Qorti."

17. Il-Qorti semgħet lil **Andrea Bondin,** rappreżentant tal-kumpanija rikorrenti, fis-seduta tas-27 ta' Jannar 2025 u rat id-dokumenti esebiti minnu. Wara li fliet dawn id-dokumenti l-Qorti hija sodisfatta illi l-intimat huwa debitur tar-rikorrenti fis-somma mitluba u dan b'żieda mal-konfessjoni preżunta tal-istess intimat wara li ġie ammess il-kapitolu għas-subizzjoni tiegħu.

**Deċiżjoni**

18. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tiddisponi minn din il-kawża billi tilqà t-talbiet tal-kumpanija rikorrenti b'dan illi tikkundanna lill-intimat sabiex jħallasha s-somma ta' erbatax -il elf tmien mija u seba' euro u ħamsa u tletin ċenteżmu (€14,807.35) rappreżentanti l-ammont kif aħjar deskritt fir-rikors promotur. Bl-imgħax legali u spejjeż kollha kif mitluba.**

| | |
|---|---|
| V.G. Axiak | Y.M. Pace |
| Maġistrat | Dep. Reġistratur |